# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 71

Data tal-laqgħa: 12 ta' Mejju, 2023

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Mejju 2023 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Abraham Aquilina |
| Assenti | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-5.35p.m. billi ntqalet it-talba.

**71/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**71/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Carl Grech biex jiġi skużat minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li jiġi reġistrat bħala assenti b'appoloġija.

**71/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 70**

**71/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**71/02/02** **Para 70/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ewwel fażi ta' xogħol fuq il-kamra li tinsab biswit l-iskola lest. Barra minn hekk, kellimna l-Avukat rigward l-kwistjoni tal-arloġġ tad-dawl.

**71/02/03** **Para 70/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li min jagħmel vandaliżmu fil-bandli ta' Ġnien il-Paċi jrid iħallas.

**71/02/04** **Para 70/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl għadu ma sar xejn.

**71/02/05** **Para 70/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero ħa isir minn Infrastructure Malta.

**71/02/06** **Para 70/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-*Community Garden* ma smajna xejn.

**71/02/07** **Para 70/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill applika flimkien ma' Reġjun Lvant għal fondi mill-Planning Authority rigward Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard*.

**71/02/08** **Para 70/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*cover* tal-platform lifter għadha ma saritx.

**71/02/09** **Para 70/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *open gym* fi Ġnien tal-Ponta ser jiġi inawgurat is-Sibt, 3 ta' Ġunju 2023.

**71/02/10** **Para 70/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta mill-Lands Authority fuq il-kuntratti ta' subleasing ta' Torri tas-Semaforu u tas-Searchlight Battery.

**71/02/11** **Para 70/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* ta' ħdejn il-kappella ta' San Nikola u l-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa għadhom ma sarux.

**71/02/12** **Para 70/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* dwar il-knisja għadha ma tpoġġietx ma' dawra taz-zuntier.

**71/02/13** **Para 70/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien talab l-ERA sabiex tiġi installata kamera tas-sigurta' fejn l-isptar tal-Ferħa kif ukoll fi Triq Għaxqet l-Għajn. Sal-lum ma smajna xejn.

**71/02/14** **Para 70/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tikteb lil Onor. Ministru Dr Stefan Zrinzo Azzopardi biex jgħinna sabiex isir railing madwar il-perimetru tal-pill box.

**71/02/15** **Para 70/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* fil-pjazza dwar postijiet ta' interess ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

**71/02/16** **Para 70/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fakkret lil Transport Malta rigward il-possibbiltà li jsiru traffic lights fi Triq in-Naxxar fil-parti d-dejqa.

**71/02/17** **Para 70/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat 3 tabelli ta' CCTV cameras mal-ħajt ta' Ġnien il-Paċi.

**71/02/18** **Para 70/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-bust ta' Guido Tanti li ser jitpoġġa f'Misraħ il-Knisja ħdejn numru 16, il-Perit qed jistenna l-*clearance* mill-Lands Authority.

**71/02/19** **Para 70/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tkellmet ma' uffiċjali minn Transport Malta rigward is-suġġeriment li jsiru strippi mal-art fil-bidu ta' Triq San Ġwann.

**71/02/20** **Para 70/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qed tiġbor stimi għal 3 notice boards (ta' ħdejn il-latrina, ta' ħdejn ir-*roundabout* ta' Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu u ta' ħdejn il-grawnd ta' Xwieki).

**71/02/21** **Para 70/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil Enemalta sabiex tiżdied bozza ġdida fi Triq il-Ġnien man-naħa tal-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa.

**71/02/22** **Para 70/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat 4 tabelli qrib il-playing fields sabiex il-vetturi jkunu konxji biż-żona fil-viċinanzi.

**71/02/23** **Para 70/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minn 1 MC bay ser nippruvaw noħorġu 2/3 oħra fi Triq Stiefnu Zerafa.

**71/02/24** **Para 70/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-applikazzjoni għal Community Greening Grant (Project Green) ma smajna xejn.

**71/02/25** **Para 70/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-applikazzjoni għal Żvilupp u Titjib ta' Latrini Pubbliċi ma smajna xejn.

**71/02/26** **Para 70/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella ta' CCTV fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**71/02/27** **Para 70/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvat l-*sleeping police* fi Triq Ferdinandu.

**71/02/28** **Para 70/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li numru ta' residenti ma qablux li jeħlu żewġ lampi ġodda fi Sqaq tal-Ħofra.

**71/02/29** **Para 70/03/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bħalissa qed isiru t-tħejjijiet għall-attivitajiet li ġejjin.

**71/02/30** **Para 70/05/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *Regional Football Tournament* flimkien ma' Għargħur FC mhux se jsir.

**71/02/31** **Para 70/05/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bagħtet l-applikazzjoni tal-Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024.

**71/02/32** **Para 70/05/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bagħtet l-applikazzjoni għal Communal Blue Bay fi Triq Caravaggio lil Transport Malta.

**71/02/33** **Para 70/05/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tabella 'vleġġa' fi Triq Ferdinandu tneħħiet.

**71/02/34** **Para 70/05/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-kwistjoni tal-KEEP CLEAR BAY fi Triq Mons. Luigi Catania baqa' kollox l-istess.

**71/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**71/03/01** Is-Sindku qalet li s-Sur Andre Galea ser ikun qed jagħmel manutenzjoni tal-bankijiet ta' ħdejn id-Duluri fi Triq Għaxqet l-Għajn b'mod volontarju.

**71/03/02** Is-Sindku pproponiet *road hump* fi Triq in-Naxxar fil-parti d-dejqa. Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv tibgħat ittra lir-residenti biex naraw jekk iriduhiex.

**71/03/03** Is-Sindku pproponiet li jkun hemm magna tal-BCRS fi Triq l-Indipendenza. Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv tibgħat ittra lir-residenti biex naraw jekk iriduhiex.

**71/03/04** Is-Sindku qalet li l-grupp Skald jixtieq jagħmel kunċert nhar il-Ħadd, 9 tal-Lulju 2023 fi Ġnien il-Paċi. Barra minn hekk, ħa jindaqq għall-ewwel darba l-fatt ta' Fidiel Zarb ġewwa l-Għargħur. Kien hemm qbil unanimu li jsir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Lvant.

**71/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**71/04/01** Ma kienx hemm.

**71/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**71/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Lvant – Playground Logbook.

**71/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 19 t' April 2023)

**71/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 26 t' April 2023)

**71/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 3 ta' Mejju 2023)

**71/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 10 ta' Mejju 2023)

**71/05/06** Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur iddiskuta u approva l-applikazzjoni għal Espressjoni ta' Interess: Clean Up the World Campaign 2023.

**71/05/07** Fuq it-talba ta' resident għal *double yellow line* faċċata tal-garaxx fi Triq D. Mifsud. Kien hemm qbil li ssir site visit.

**71/05/08** Fuq it-talba ta' Sur Stefan Buhagiar biex jissieħeb fis-Sotto Kumitat tal-Kultura. Kien hemm qbil unanimu.

**71/05/09** Fuq it-talba ta' resident biex jitnaqqas id-*double yellow line* fi Triq Mons Luigi Catania sa tabella tal-qtates. Kien hemm qbil unanimu.

**71/05/10** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li Mario Abela jirranġa l-globi u timers ta' Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna. Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li jirranġa t-timer tal-pjazza. Kien hemm qbil unanimu.

**71/06 Aġġustamenti proposti mill-Udituri tal-Gvern Annwali 2022**

**71/06/01** L-Audit Adjustments ġew approvati unanimament u s-Sindku u S.E. ġew awtorizzati sabiex jiffirmaw il-Financial Statements.

**71/07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**71/07/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**71/08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**71/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:15p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 21 ta' Ġunju 2023 fil-5:30p.m.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**